# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 371/2015JB

Numru: 5

**Jeanette Degiorgio (K.I.: 189786M)**

***vs***

**Simon Brown (K.I.: 200968M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu, l-Attrici talbet kif gej:

> Illi l-kontendenti partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat fit-28 ta' April 2012 [recte: 2010] in atti Nutar Louisa Vella Bardon;
>
> Illi klawsola 2(3)(c) tal-odjern kuntratt tistipula li l-ispejjez kollha tal-minuri, ossia Matthew u Daniel Brown, relatati ma' edukazzjoni, sahha u safar ghandhom jiġu mhallsa fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;
>
> Illi l-intimat naqas li jottempora ruhhu ma' dak dispost f'din il-klawsola u dan minkejja diversi rikjesti mir-rikorrenti f'dan is-sens;
>
> Illi l-intimat ghandu hlas b'lura f'dan is-sens minn Ottubru tas-sena l-ohra, u dan il-hlas jammonta ghas-somma ta' elfejn, tliet mija u tlieta u sittin euro u hamsa u tmenin ċenteżmu (€2,363.85);
>
> Illi stante li l-intimat baqa inadempjenti ghal dan iz-zmien kollu, bi ksur ta' ftehim kuntrattwali, ir-rikorrenti kellha tirrikorri ghall-din il-kawza;
>
> Ghaldaqstant, u in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-intimat Simon Brown bhala debitur tal-esponenti fis-somma fuq indikata u sussegwentement jordu jeffettwa dan il-hlas, inkluż bl-imghaxijiet relattivi u bl-ispejjez ta' din il-kawza fl-intier taghhom.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-30 ta' Gunju 2015;

Ra r-risposta pprezentata mill-Konvenut nhar it-30 ta' Gunju 2015 li permezz taghha laqa' ghall-azzjoni attrici billi eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-esponenti jikkonferma li hemm ammont dovut u li dan ghandu jithallas, ghalkemm tali hlas kellu jsir mal-prezentata ta' ircevuti u dokumenti u ghalhekk l-azzjoni hija intempestiva;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid taghti irceuti u/jew spjegazzjoni mat-talba ghall-hlas, liema rcevuti/spjegazzjoni huma nieqsa.

Bl-ispejjez.

Ra l-atti tal-kawza;

Qies li fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2015, il-partijiet iddikjaraw li bejniethom mhemm l-ebda proceduri ohra pendenti;

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 fejn l-Attrici irriduciet it-Talba taghha ghal €863.35 stante pagament akkont u minghajr pregudizzju ta' €1,500 fil-mori tal-kawza;

Sama' x-xhieda tal-partijiet;

Ra d-dokumenti;

Sama' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-kontendenti;

Ra li l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkundisra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlas ghal spejjez relatati mal-ulied minuri tal-kontendenti li skond l-Attrici huma dovuti skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali fil-waqt li skond il-Konvenut, tali spejjez kienu in parti dovuti (tant li ghamel pagament akkont fil-mori tal-kawza) u in parti mhux dovuti peress li kellhom jigu prezentati ricevuti li ma gewx prezentati. Il-Konvenut eccepixxa wkoll l-intempestivita tal-azzjoni attrici;

Illi l-Attrici pprezentat nota fejn spjegat il-pretensjoni taghha (a fol 13 u 14), kopja ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Louisa Vella Bardon tat-28 ta' April 2010 (a fol 15 sa 20), serje ta' dokumenti inkluz u spekkjett tal-ispejjez ghal kull xahar li dwaru tirreferi l-azzjoni odjerna (a fol 21 sa 37); kopja tas-sentenza fl-istess ismijiet deciza minn dan it-Tribunal, diversament presedut, nhar it-23 ta' Settembru 2013 (a fol 38 sa 47) kif ukoll kopja ta' korrispondenza (a fol 48). L-Attrici ipprezentat ukoll zewg ircevuti mhux fiskali (a fol 55) kif ukoll serje ta' *emails* skambjati bejn il-kontendenti (a fol 57 sa 89);

Illi in sostenn tal-azzjoni taghha, l-Attrici xehdet fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2015 fejn spjegat il-pretensjoni taghha ghal kull xahar, kif gej:

Spejjez ta' Ottubru 2014:

> Qed issirli referenza a fol 21 *et seq* tal-process fejn imiss ma' l-ispejjez ta' Ottubru 2014 nghid li l-lezzjonijet tal-vjolin dawn saru ghall-minuri Matthew. Ircevuti taghhom jiena m'ghandix peress li t-*teacher* tal-vjolin ma tghaddilix ircevuti ma' kull lezzjoni imma ghaddietli ricevuta wahda li qed nipprezenta. Qed nipprezenta zewg dokumenti wahda tat-teorija u l-ohra tal-prattika li qed jigu mmarkati "Dok. A" u "Dok. B" (a fol 55). Dawn inhargu minn zewg ghalliema differenti u jiena lir-

ragel għaddejthomlu qabel illum peress li kien talabhomli gol-Qorti stess. Nghid li ricevuti ta' Ottubru 2014 jien mghandix imma nista ngibhom. Nghid li dwar il-kotba dawn huma kotba *second hand*, nista' ngib l-ismijiet taghhom. Godda jiswew ferm aktar minn hekk. Il-podologu hemm ricevuta a fol 22. Zewg partiti intitolati Matt Transport u Dan Transport qed jirreferu ghar-ricevuti tal-Malta Public Transport li jinsabu a fol 22 ukoll. Nghid li fl-iskola fejn qed imorru t-tfal bhalissa trasport tal-iskola ma hemmx. Biss fejn qieghdin imorru skola iridu jmorru b'tal-linja u allura dawn qeghdin jaghmlu abbonament ta' xahar mat-trasport pubbliku. Bhal meta wiehed l-universita' imur bil-bus, l-universita' ma torganizzax trasport. Dwar il-kalzetti li ssemmew a fol 21 nghid li dak iz-zmien it-tfal kienu ghadhom jmorru St Edwards. Ir-ricevuta taghhom tinsab a fol 22. Dwar is-*swimming competition* u *school casual*, din hija xi haga li ilha tigi organizzata minn zmien ghal zmien, ir-ragel ma kienx jaf biha peress li fil-perjodu in dizamina ma konnix nitkellmu. Ricevuta taghha jiena mghandix. Fejn imiss mal-*in-soles* hemm ricevuta a fol 22.

## Spejjez ta' Novembru 2014:

Dak li jirrigwarda l-ispejjez tal-vjolin ghax-xahar ta' Novembru nghid li bl-istess mod jien mghandix ricevuti imma nista ngibhom. Fejn imiss mal-ktieb tal-vjolin nghid li dan mghandix ricevuta imma nista ngibha. Fejn imiss mat-trasport japplika dak li ghadni kemm ghidt ghax-xahar ta' Ottubru. Imbaghad hemm l-O-Levels hemm l-ircevuti pprezentati a fol 26 u 27 tal-process. Ricevuti ohra prezentati jirrigwardaw spejjez medici. L-ispejjez tal-podologu huma spejjez li jien ghamilt ghal Daniel. Daniel ghandu problema intermittenti f'saqajh illi minhabba fiha jikkonsulta lil-podologu David Meilak. Lir-ragel tieghi qatt ma kellimtu dwar din il-problema peress li ilu xi sena u nofs ma jara lit-tfal.

## Spejjez ta' Dicembru 2014:

Fejn imiss max-xahar ta' Dicembru qed naghmel riferenza ghall-prospett a fol 28; fejn imiss mal-vjolin naghmel referenza ghal dak li ghadni kemm ghidt. Fejn imiss mat-trasport naghmel referenza ghal dak li ghadni kemm ghidt ghax-xhur ta' Ottubru u ta' Novembru, fejn imiss mal-*fee* tal-iskola ta' Daniel nghid li din hija l-*fee* tal-kullegg St Edwards u hemm ricevuta a fol 29. [Dwar l-ezamijiet tal-muzika] nghid li l-procedura hija li nhallsu lit-*teacher* u t-*teacher* thallas ta' kollox. F'dan il-kaz hemm ricevuta a fol 30. Ir-ragel ma kienx jaf li ghandu l-ezami ghax ahna ma nitkellmux.

## Spejjez ta' Jannar 2015:

Dwar l-ispejjez ta' Jannar hemm riferenza ghall-prospett a fol 31. Nghid li dwar dak li jmiss mal-vjolin hemm l-istess procedura ghal dak li ghidt dwar ix-xhur precedenti, fejn imiss mat-trasport hawn zewg ricevuti tat-trasport pubbliku naghmel referenza ghal dak li ghadni kemm ghidt, fejn imiss mal-vjolin fejn qed issir riferenza ghal spiza ta' sbatax-il euro (€17), hemm ricevuta wkoll a fol 32. Nghid li dawn l-ircevuti bil-kopji li jien ghandi jien kont ghaddejthom lir-ragel tieghi.

## Spejjez ta' Frar 2015:

Fejn imiss max-xahar ta' Frar 2015 qed naghmel riferenza ghall-prospett a fol 33 ghal darb'ohra fejn imiss mal-vjolin qed naghmel referenza ghal dak li ghidt ghax-xhur precedenti, fejn imiss mat-trasport bl-istess mod japplika dak li ghidt dwar it-trasport peress li t-tfal ghandhom bzonn it-trasport biex imorru l-iskola. Ir-ricevuti ghat-trasport qeghdin ukoll a fol 32.

## Spejjez ta' Marzu 2015:

Dak li jmiss max-xahar ta' Marzu 2015 japplikaw l-istess affarijiet fejn imiss mal-lezzjonijiet tal-vjolin l-ispiza mmarkata 'Doc' hija spiza li saret medika u hemm l-ircevuta tat-tabib Deo Debattista a fol 36, dwar l-ezamijiet tal-IGCSE hemm ricevuta mahruga mill-Kullegg St Edwards a fol 36 kif ukoll ic-*cheque* relattiv dejjem fl-istess faccata. Ir-ragel ma kontx informajtu li ha jaghmel dan l-ezami peress li hu ma jimpurtahx mit-tfal. Dwar is-*social* sa fejn naf jien ir-ragel ikun ircieva minghand l-iskola u allura jiena qabel ma hallast l-ispiza ghas-*social* u cioe' l-ghoxrin euro (€20) li hemm riferenza ghalihom a fol 34 jien assumejt li qed jircievi mill-iskola bhal ma nircievi jiena. Nircievu ukoll ghal *prizes* u affarjiet ohra u darba minnhom hu kien qalli li effetivament qed jircievi dawn l-*emails* mill-

> iskola. Jien min-naha tieghi ma bghattlux *emails* dwar dawn. Ir-ragel qatt ma attenda attivitajiet tal-iskola bhal *parents' day, concerts, etc*. It-tiswija tal-vjolin li ghaliha hemm referenza a fol 34 tal-process nghid li jien lir-ragel ma nformajtux ghax hu ma jinteressahx. Nghid li jekk immur inkellmu nkun qed nistenna li jkellimni hazin.

Spejjez ta' April 2015:

> Fejn imiss ma' April hawn biss il-kontijiet li jirreferu ghal-lezzjonijiet tat-teorija u tal-prattika tal-vjolin u dwar dan naghmel referenza ghal dak li jiena ghadni kemm ghidt ghax-xhur precedenti. Nghid li l-lezzjonijiet tal-vjolin bdew meta ahna konna gahdna mizzewgin. Nghid li jien *emails* kont nibghatlu u qed nobbliga ruhi li sa ghada nipprezenta fir-registru kopja tal-emails kollha li jiena baght lir-ragel. Ir-ragel qatt ma rrisponda ghall-*emails* tieghi hlief li darba baghtli *smiley*.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk kienetx infurmat lil zewgha l-Konvenut dwar l-ispejjez per ezempju tal-podologu, l-Attrici wiegbet fin-negattiv. Izzid tghid li kien hemm kaz fejn xi zmien qabel wiehed mill-ulied kien korra u hi kienet avzat lill-Konvenut li min-naha tieghu ma kien ha l-ebda interess u ghad li talabha zzommu infurmat, ma kienx deher fil-klinika. Mistoqsija jekk tispecifikax x'tip ta' lezzjonijiet ikollu l-wild minuri meta tibghat l-*emails* lil zewgha wiegbet ukoll fin-negattiv izda zzid tghid li tibghat in-numru ta' lezzjonijiet peress li l-Konvenut ma jiehu l-ebda interess fl-affarijiet tat-tfal;

Illi min-naha tieghu, il-Konvenut xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru u stqarr li qieghed jikkontesta l-ircevuti li jirrigwardaw il-lezzjonijiet tal-vjolin u biljetti tat-trasport pubbliku u dan ghaliex fejn imiss mat-trasport pubbliku jidhirlu li tali spiza hija koperta mill-manteniment. Fejn imiss mal-lezzjonijiet tal-vjolin jghid li kull ma talab kienet semplici ricevuta. Dawn ir-ricevuti baqghu ma nghatawlux. B'riferenza ghall-*emails* li jinsabu a fol 56 *et seq* jghid li l-ahhar *email* mibghuta tirreferi ghal sitt xhur ilu. Jaghmel riferenza ghall-*email* a fol 64 in linea ta' ezempju fejn hu qal lill-Attrici: "*I need a copy of bills for the month of February, March, July, August, September*". Jghid li l-Attrici rrispondietu billi qalet: "*I'll send the copies by Monday to the shop with my lawyer*". Jghid li minkejja dan, id-dokument baqa' ma wasallux. Il-Konvenut kompla jghid li l-Attrici qatt ma kellmitu dwar il-kwistjoni tat-trasport pubbliku. Jghid li xi xhur ilu talab lil ibnu minuri Matthew sabiex jibda' jdoqq il-vjolin gewwa l-hanut li l-Attur stess jiggestixxi fil-Belt Valletta izda dan irrifjuta. Fir-rigward tal-iben minuri Daniel jghid li huwa rrifjuta li jhallas l-ispejjez ta' xi *tournament* li kellu peress li riedu jmur mieghu. Dwar dan wasal ghal ftehim li l-ispiza kienet se thallasha l-Attrici. Il-Konvenut ikompli jistqarr li ilu ma jara lil uliedu madwar sena u nofs. Dwar dan l-Attrici qaltlu li t-tfal ma jridux jarawh ghax ghalihom huwa sempliciment il-persuna li gabithom fid-dinja u daqshekk biss. Mistoqsi in kontro-ezami ghalfejn ma mexiex bl-istess mod dwar il-lezzjonijiet tal-vjolin kif mexa fir-rigward tat-*tournament* tal-*football* jghid li l-ircevuti li gew prezentati ma jaqbilx maghhom peress li mhumiex ufficjali. Mistoqsi ghalfejn ma kienx qed jirrispondi l-*emails* li jirrigwardaw il-lezzjonijiet tal-vjolin jghid li dawn kienu biss kantaliena minghajr ma jaghtuh sodisfazzjon jew ricevuta ufficjali u dan minkejja li fil-kawza li kellhom bejniethom il-kontendenti qabel dik odjerna, l-Attrici kienet giet ordnata tghaddilu ricevuti;

Ikkunsidra;

Illi jsegwi ghalhekk li wara li sar il-pagament fil-mori tal-kawza, il-pendenza hija principalment limitata ghall-ispejjez tal-lezzjonijiet tal-vjolin fejn il-Konvenut jghid li mhux jinghata sodisfazzjon, u tat-trasport pubbliku li f'dan ir-rigward l-Attrici tghid li l-ulied minuri juzaw it-trasport pubbliku peress li l-iskola fejn jattendu mghandhiex transport

organizzat u ghalhekk ikollhom imorru bit-trasport pubbliku. Il-Konvenut jghid li t-trasport pubbliku huwa kopert mill-manteniment.

Illi minn ezami tad-dokumenti li jinsabu fi-process jidher li l-ispejjez tal-lezzjonjiet tal-vjolin u spejjez ancillari jammontaw ghal €1212 u mill-banda ‘l ohra, l-ispejjez tat-trasport pubbliku jammontaw ghal €252 li flimkien jammontaw ghal elf erba’ mija u erbgha u sittin euro (€1,464) li nofshom ghalhekk huma seba’ mija u tnejn u tletin euro (€732);

Imbaghad hemm xi spejjez ohra li dwarhom hemm dubju bhalma huma l-ispejjez tal-attivitjiet strakurrikularli ta’ Ottubru 2014 li jammontaw ghal €14 u ta’ Marzu 2015 li jammontaw ghal €20. Isegwi ghalhekk li sehem il-Konvenut mill-ispejjez reklamati u li dwarhom hemm dubju jew kontestazzjoni jammonta ghal seba’ mija u disgha u erbghin euro (€749);

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq id-differenza;

Ikkunsidra;

Illi sabiex dan it-Tribunal jkun jista’ jqis il-vertenza, sejjer qabel xejn jikkunsidra l-klawsola kuntrattwali li fuqha hija msejjsa t-talba attrici u cjoe klawsola 2(3)(c) tal-kuntratt a fol 15 li tipprovdi kif gej:

> Illi l-ispejjez kollha tal-minuri ta’ edukazzjoni (inkluz privatijiet, uniformijiet, sports, transport u affarijiet ohra relatati), sahha safar eskluz dak mal-genituri rispettivi u ohrajn tal-minuri ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

Illi dan gie pattwit bhala zieda ma’ manteniment mensili ta’ mija u erbghin euro (€140) ghal kull wild;

Illi t-Tribunal jidhirlu li f’dan l-istadju jkun floku li jqis xi partijiet saljenti mis-sentenza ta’ dan it-Tribunal fil-kawza numru 3/2013:

> Dwar il-kwistjoni tal-lezzjonijiet tal-vjolin u l-affarijiet l-ohra relatati t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehed l-istess intimat fis-seduta ta’ l-10 ta’ April, 2013 meta qal li “jiena nikkonferma li ibni ilu jmur ghal dawn l-ahhar sitt snin il-lezzjonijiet tal-vjolin dak nafu però ma nafx il-frekwenza u allura meta r-rikorrenti tghid illi per eżempju f’Gunju mar tmien darbiet jiena jkolli noqghod fuq il-kelma taghha. Jekk ikolli dawn l-ircevuti allura jiena nhallas sehmi”. Issa r-rikorrenti obbligat lilha nnifisha fis-seduta tal-10 ta’ April, 2013, sabiex “... mil-lum il-quddiem tibda tinforma lil intimat permezz ta’ email dak li jkunu qeghdin jaghmlu uliedhom sabiex b’hekk ma jkunx hemm malintizi”. Oltre dan, jirrizulta li l-kuntratt ta’ separazzjoni gie ffirmat fit-28 ta’ April, 2010 u allura meta l-minuri Matthew beda jattendi ghal dawn il-lezzjonijiet l-intimat kien jaf bihom u kien qabel li jattendi. Mhux sew però li r-rikorrenti ma tghidx lill-intimat dak li jkun qieghed jaghmel il-minuri ghar-rigward tal-lezzjonijiet tal-vjolin u ma tinfurmahx meta qieghed jattendi u li ma tghaddilux kopja tar-ricevuti relattivi. It-Tribunal, sejjer jordna lill-intimat ihallas nofs dan l-ammont lir-rikorrenti bl-intendiment car li hija ghandha tibda tghaddilu r-ricevuti ghall-istess attendenza.

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta car mill-atti processwali li l-Attrici naqset milli tottempora ruhha ma’ dan u ma jidhirx li infurmat lill-Konvenut bl-ispejjez li kienet se taghmel. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif u ghaliex l-Attrici naqset milli tgharraf lill-Konvenut bl-attivitajiet tal-minuri. L-iskuza li l-Konvenut ma jinterssahx minn uliedu minuri, ghat-Tribunal, mhijiex gustifikazzjoni partikolarment meta hemm sentenza cara daqs il-kristall;

Illi fejn imiss mal-ircevuti tal-prestazzjonijiet ta' terzi ghall-ulied, it-Tribunal iqis li l-fatt li l-ghalliema tal-vjolin ma jaghtux ircevuta kif imiss – apparti li huwa deplorevoli u possibilment illegali u ghalhekk se jittiehdu provvedimenti f'dan ir-rigward fil-parti dispositiva tas-sentenza – mhuwiex raguni valida sabiex l-Attrici terga' lura mill-obbligazzjoni li ghamlet quddiem dan it-Tribunal u ma tinfurmax lill-Konvenut u ma tipprezentax ricevuti;

Illi jidher bic-car li l-Attrici naqset milli taghmel dak li ordnalha t-Tribunal f'sentenza precedenti u issa qed tippretendi li ssir gustizzja maghha meta hi naqset bic-car milli timxi sew ma' zewgha. Fuq kollox, it-Tribunal iqis li ghad li mifrudin, l-obbligi li hemm bejn il-kontendenti partikolarment fejn jirrigwarda l-ulied minuri ghandhom jigi osservati miz-zewg nahat. Ghalhekk l-ispejjez tal-lezzjonijiet tal-vjolin mhumiex se jittiehdu in kunsiderazzjoni;

Illi fejn imiss mal-kwistjoni tal-ispejjez tat-trasport, it-Tribunal iqis li l-ispejjez tat-trasport pubbliku jmorru lil hinn mill-ispejjez tat-trasport tal-edukazzjoni li jissemmew fi klawsola 2(3)(c) tal-kuntratt ta' firda personali u ghad li meta kienu jmorru fi skola privata il-Konvenut kien jaqsam nofs l-ispejjez tat-trasport organizzat mill-iskola, it-Tribunal ma jqisx li l-klawsola kuntrattwali sucitata ghandha tiggebbed sal-punt li testendi ghat-trasport pubbliku aktar u aktar meta jidher bic-car li l-abbonament huwa wiehed mensili li jista' jintuza lil hinn ghat-tragitt minn u lejn l-iskola. Din il-parti tal-pretensjoni hija fil-fehma tat-Tribunal, vessatorja u kwindi mhijiex se tintlaqa';

Illi ghalhekk it-Tribunal se jghaddi sabiex jikkundanna lill-Konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbatax-il euro u hamsa u tletin centezmu (€114.35) u cjoe d-differenza bejn l-ammont ridott u l-ispejjez fuq imsemmija;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenut, jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Konvenut limitatament ghal fejn jirrigwarda l-ispejjez fuq imsemmija u konsegwentement jilqa' t-talba Attrici limitatament ghas-somma ta' €114.35. Spejjez ikunu a karigu tal-Attrici stante l-intempestivita tal-azzjoni;

Fl-ahhar nett, in vista ta' dak li stqarret l-Attrici meta xehdet dwar l-imissjoni ta' l-ircevuti da parti tal-ghalliema tal-vjolin, billi n-nuqqas ta' imissjoni ta' tali ricevuti jista' jkun li jikkostitwixxi reat, qieghed jordna lir-Registratur sabiex jinnotifika kopja ta' din is-sentenza, flimkien ma' kopja tal-ircevuti mhux fiskali li jinsabu in atti lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jiehu l-passi li jidhirlu xierqa.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*